MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1907/2001/1

**Matei Elena Vasilievna, bint Vasile Matei, u ghal kull interess li jista' jkollu zewgha Luigi Santonocito**

**vs**

**1. Azzopardi Adrian fil-Kummerc,**

**2. Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta jew ir-rapprezentant tieghu.**

**3. U b'digriet tat-23 ta' Mejju 2002 gie kjamat fil-kawza l-minuri Christopher Patrick Matei, li fil-mori tal-kawza ser jirrapprezentawh il-Kuraturi Deputati Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici ELENA VASILIEVNA MATEI li twieldet f'YALTA gewwa l-Ukrajna nhar is-Sibt, ghaxra ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija sebgha u hamsin (10.08.1957), imma hija ta' nazzjonalita' Awstraljana u ghandha passaport Awstraljan, u li prezenzjalment tinsab tirrezjedi fil-Gzejjer Maltin, inghaqdet fiz-zwieg ma cittadin Taljan li jismu LUIGI SANTONOCITO, iben Salvatore Santonocito u Concetta Giuffrida in Santonocito nee' Giuffrida, li twieled nhar il-Hadd, sbatax ta' Jannar, fl-elf disa' mija u sittin (17.01.1960), f'Catania gewwa Sqallija l-Italja u ghandu l-Karta ta' l-identita' Taljana tieghu bin-numru AB 3847531, fil-Gzejjer Maltin permezz ta' Zwieg Civili nhar il-Hadd, sitta u ghoxrin ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija sebgha u disghin (26.10.1997), fir-Registru taz-Zwigijiet gewwa l-Belt Valletta, bix-xhieda ta' diversi persuni, skond ic-certifikat ufficjali taz-zwieg li jgib in-numru 1942 / tmienja u ghoxrin ta' Ottubru, tal-elf disa' mija sebgha u disghin (28.10.1997), anness bhala dokument "EVM1": ara elenku tad-dokumenti.

Illi l-atturi kif indikati f'din ic-citazzjoni mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kellhom tifel wiehed, li jismu Salvatore Matei Santonocito li twieled l-Awstralja nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (27.09.1996), u cjoe' sena qabel ma' l-atturi effettivament kienu nghaqdu fiz-zwieg bejniethom fil-Gzira ta' Malta.

Illi pero' Elena Vasilievna Matei ghandha tifel iehor li jismu CHRISTOPHER PATRICK MATEI li twieled nhar is-sbatax ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (17.03.1994) fi Blacktown District Hospital fi Blacktown, meta l-attrici kellha sebgha u tletin (37) sena, u dan kif jindika c-certifikat tat-twelid tal-minuri CHRISTOPHER PATRICK MATEI, rilaxxat minn New South Wales gewwa l-Awstralja nhar it-tnejn u ghoxrin ta' April, tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (22.04.1994), bin-numru ta' registrazzjoni 2704/1994, hawn indikat bhala dokument "EVM2".

Illi ghaldaqstant CHRISTOPHER PARTICK MATEI twieled nhar is-sbatax ta’ Marzu, tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (17.03.1994), gewwa l-Awstralja, ghandu passaport Awstraljan bin-numru L7097021, mahrug f’Sydney gewwa l-Awstralja, u evidentament u ovvjament kif qed jirrizulta, twieled qabel ma twieled Salvatore Matei Santonocito, u evidentament u ovvajment ukoll qabel Elena Vasilievna Matei nghaqdet fiz-zwieg ma’ Luigi Santonocito, biss mic-certifikat tat-twelid ta’ Christopher Patrick Matei jirrizulta car li m’hemmx indikat minn huwa l-missier.

Illi jigi ghalhekk li Elena Vasilievna Matei *stante* li Christopher Patrick Matei odjernament ghad ghandu seba’ (7) snin u m’ghadx ghandu vuci legali biex jitkellem, hija qeghdha tirrapprezenta lil binha minuri f’dawn il-proceduri odjerni, u *stante* l-fatt li ufficjalment Christopher Patrick Matei m’ghandux l-indentifikazzjoni formali ta’ missieru, jigi ghalhekk li m’hemmx kwistjoni li ommu Elena Vasilievna Matei ma tistax tirrapprezenta lil binha minuri Christopher Patrick Matei, u kwindi Elena Vasilievna Matei qed taghmel din il-kawza mhux biss fl-interess taghha imma fuq dan kollu ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta’ Christopher Patrick Matei.

Illi dokument “EVM3” huwa riproduzzjoni fidila u kopja fotostatika tal-immagina ta’ Elena Vasilievna Matei u binha Christopher Patrick Matei skond kif dawn jirrizultaw mill-Passaporti Awstraljani li ghandhom separatament pero‘ li hawn dan it-taghrif gie maghqud f’kopja fotostatika wahda u ndikat bhala dokument “EVM3”.

Illi l-attrici Elena Vasilievna Matei u Luigi Santonocito, ossia’ l-atturi, nhar id-disgha ta’ Novembru, tas-sena elfejn u wiehed (09.11.2001), ossia’ tas-sena kurrenti, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Paul Pullicino, ghamlu kuntratt bejniethom fejn wara li rreferew li huma kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar is-sitta u ghoxrin ta’ Ottubru, tas-sena elf dia’ mija sebgha u disghin (26.10.1997), huma xtaqu illi jirregolaw l-assi taghhom b’mod separat, skond kif

tippermetti l-Ligi, ossia' l-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi effettivament l-atturi permezz ta' Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1579/2001, ossia' elf hames mija disgha u sebghin ta-sena kurrenti, inghataw l-awtorizzazzjoni biex jeskludu bejniethom il-Komunjoni ta' l-Akkwisti skond il-Kodici Civili u ghazlu li jirregolaw l-assi taghhom b'mod separat skond kif hu permess bil-ligijiet civili tal-Gzejjer Maltin, u skond ma jirrizulta mill-anness dokument "EVM4" li kopja originali u awtentika tieghu tinsab annessa ma l-elenku tad-dokumenti f'din ic-citazzjoni odjerna.

Illi f'din l-inkwadratura Elena Vasilievna Matei qed taghmel din il-kawza hi f'isimha personali u in rapprezentanza ta' binha minuri Christopher Patrick Matei u ghalhekk li gie ndikat fl-okkju ta' din ic-citazzjoni illi Luigi Santonocito qieghed jitnizzel biss ghal kwalsiasi nteress li jista' jkollu, billi effettivament ir-responsabilita' unika ta' Christopher Patrick Matei hija ta' ommu Elena Vasilievna Matei, li sussegwentement kellha tarbija minn Luigi Santonocito u wara nghaqdet fiz-zwieg ma l-istess Lugi Santonocito, fejn Luigi Santonocito naturalment gie ndikat bhala l-missier, kif inhuwa l-kaz, tat-tieni tarbija Salvatore Matei Santonocito, imma Luigi Santonocito m'ghandu x'jaqsam xejn ma' Christopher Patrick Matei.

Illi Elena Vasilievna Matei qeghdha tindika lill-konvenut Azzopardi Adrian bhala l-missier naturali ta' Christopher Patrick Matei u dettalji biex jissostanzjaw din id-dikjarazzjoni tal-attrici Elena Vasilievna Matei jinsabu fit-tieni taqsima ta' din ic-citazzjoni odjerna ossia' Dikjarazzjoni Guramentata li maghha hemm esebit intervista li saret nhar il-Hamis, tlettax ta' Dicembru, elfejn u wiehed (13.12.2001) fil-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11:30 am) fl-ufficju tal-Avukat Dr. Emmy D. Bezzina u fejn hemm imfisser bl-aktar mod specifiku kif l-attrici Elena Vasilievna Matei ltaqghet, saret taf intimament u nislet minn relazzjoni mal-konvenut Adrian Azzopardi t-tarbija li hija telqet minn Malta biex twelled l-Awstralja u fejn effettivament twieled Christopher Patrick Matei nhar is-

sbatax ta’ Marzu, tal-elf disa’ mija erbgha u disghin (17.03.1994), liema stqarrija dettaljata f’forma ta’ ntervista qed tigi hawn annessa ma’ din ic-citazzjoni bhala dokument “EVM5”.

Illi l-attrici Elena Vasilievna Matei a bazi tad-Dikjarazzjoni Guramentata taghha, bid-dokumenti li gew elenkati ma’ din ic-citazzjoni odjerna, il-lista tax-xhieda li hi ndikat u naturalment il-kredibbilta’ taghha bhala omm qed tinsisti li l-konvenut  Adrian Azzopardi jew jirrikonoxxi lil ibnu Christopher Patrick Matei, jew din il-Wisq Onorabbli Qorti taghraf mill-provi li jitressqu, inkluz il-possibbilta’ ta’ ezami tad-DNA li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut Adrian Azzopardi ghal diversi ragunijiet u fatti kif jigu mfissra fil-mori tal-kawza m’huwiex hadd ghajr il-missier naturali tal-minuri Christopher Patrick Matei li twieled nhar is-sbatax ta’ Marzu, tal-elf disa’ mija erbgha u disghin (17.03.1994).

Illi mid-Dikjarazzjoni f’forma ta’ ntervista li ghamlet is-sinjura Matei mal-konsulent legali taghha Dottor Emy D. Bezzina u li tinsab ezebita ma’ din ic-citazzjoni f’dokument immarkat “EVM5” tispjega bic-car kif ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju dwar il-paternita’ tal-minuri Christopher Patrick Matei u li l-missier naturali ta’ dan il-minuri ma huwa hadd ghajr il-konvenut Adrian Azzopardi.

Illi kif l-attrici Elena Vasilievna Matei kif tfisser f’aktar dettal fil-mori ta’ din il-kawza, ghamlet diversi tentattivi sa minn qabel ma twieled il-minuri Christopher Patrick Matei u anke sussegwentement wara li twieled Christopher Patrick Matei u anke sussegwentement wara li twieled Christopher Patrick Matei, meta giet apposta biex turi lil konvenut Adrian Azzopardi li t-tarbija mnissla minnu, ossia’ t-tifel tieghu Christopher Patrick Matei biex il-konvenut Adrian Azzopardi jirrikonoxxi lil ibnu, jaghti l-figura hekk mehtiega ta’ missier lil ibnu, u naturalmet jonora l-obbligi tieghu ta’ missier tajjeb fir-rigward  ta’ ibnu Christopher Patrick Matei, imma minkejja dawn l-isforzi kollha tal-attrici Elena Vasilievna Matei, Adrian Azzopardi sfortunatament baqa’ inadempjenti, u fic-cirkostanzi l-attrici Elena Vasilievna Matei ma kien baqaghlha l-ebda triq ohra ghajr illi taghzel it-triq ta’ dawn il-proceduri

kontenzjuzi, litteralment kontra qalbha, fil-konfront u fir-rigward tal-konvenut Adrian Azzopardi.

Illi minhabba l-fatt illi Christopher Patrick Matei ufficjalment twieled l-Awstralja minkejja li tnissel fil-Gzejjer Maltin, u biex inkunu precizi f'dak illi kien il-Comwall Hotel gewwa Paceville, fiz-zmien li kien hemm relazzjonijiet intimi bejn il-konvenut Adrian Azzopardi u l-attrici Elena Vasilievna Matei, biss xorta wahda ma kienx possibbli li t-twelid ta' din it-tarbija tigi registrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta, sakemm ikun ufficjalment indikat li missier it-tarbija huwa l-konvenut Adrian Azzopardi ta' nisel Malti, u allura f'dan il-kuntest gie mharrek ukoll id-Direttur tar-Registru biex din l-Onorabbli Qorti malli tigi konfermata l-paternita' ta' Christopher Patrick Matei fil-persuna ta' missieru naturali u cjoe' fil-persuna tal-konvenut Adrian Azzopardi, fl-istess waqt id-Direttur tar-Registur Pubbliku jigi ordnat biex jirregistra t-twelid ta' Christopher Patrick Matei bid-dettalji tal-genituri tieghu li fic-cirkostanzi mbaghad ikunu maghrufa b'mod ufficjali wara s-sentenza jew l-ezitu definittiv ta' dawn il-proceduri quddiem il-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta, *a meno che* l-konvenut Adrian Azzopardi sa dak iz-zmien u sa dak il-waqt ma jkunx formalment irrikonoxxa lil minuri Christopher Patrick Matei bhala ibnu naturali mwieled mir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici Elena Vasilievna Matei.

Illi ghaldaqstant u f'dawn ic-cirkostanzi t-tieni konvenut huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant tieghu.

Illi l-attrici Elena Vasilievna Matei trid illi l-ispejjez kollha li hija kellha tinkorri mhux biss biex taghmel dawn il-proceduri imma anke biex rabbiet lill-minuri jigu kollha a karigu tal-konvenut Adrian Azzopardi, apparti minn talbiet li espressament qed taghmel Elena Vasilievna Matei fil-korp ta' din ic-citazzjoni u fil-parti rilevanti mat-talbiet skond il-procedura ta' kif jitmexxew il-kawzi fil-Qrati tal-Gustizzja fil-Gzejjer Maltin.

Illi l-attrici qed tirrizerva li tinizja kwalsiasi proceduri ghad-danni sofferti, li qed issofri u li tista ssofri kontra l-

konvenut Adrian Azzopardi u dan kemm f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess u in rapprezentanza tal-minuri Christopher Patrick Matei, filwaqt li tirrizerva wkoll li titlob biex tottjeni kwalsiasi hrug ta' mandat fil-konfront tal-konvenut Adrian Azzopardi biex tissalvagwardja l-interessi taghha fil-Ligi *de proprio et nomine*.

L-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenuti jew min minnhom ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Wisq Onorabbli Qorti m'ghandiex tifli, tevalwa, tixtarr, taqta' tiddeciedi u tordna illi:

1. Il-missier naturali ta' Christopher Patrick Matei imwieled nhar is-sbatax ta' Marzu, tal-elf disa' mija erbgha u disghin (17.03.1994) fi Blacktown District Hospital, fi Blacktown, New South Wales gewwa l-Awstralja u iben l-attrici ommu Elena Vaslievna Matei huwa effettivament il-konvenut Adrian Azzopardi li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita' 661261 (M), huwa cittadin Malti, u jirrisjedi f'"Gomol", fi Triq Notabile, gewwa Balzan, fir-Repubblika ta' Malta;

2. Il-Konvenut l-iehor, ossia' d-Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant tieghu ghandu jirregistra lil minuri Christopher Patrick Matei fir-Registru Pubbliku ta' Malta bhal iben il-konvenut Adrian Azzopardi: I.D. numru 661261 (M), flimkien mad-dettalji l-ohra kollha dwar omm il-minuri ossia' l-attrici odjerna, u dettalji ohra relevanti u legalment mehtiega fic-certifikat tat-twelied tal-minuri Christopher Patrick Matei illi twieled fi New South Wales gewwa l-Awstralja;

3. Il-minuri Chrsitopher Patrcik Matei ghandu bhala iben cittadin Malti jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bhala cittadin Malti u fejn l-awtoritajiet kompetenti f'dan il-qasam ghandhom jirrikonoxxu dan li stat ta' fatt, u cjoe' ghar-regsitrazzjoni ta' Christopher Patrick Matei bhala cittadin Malti, iben Adrian Azzopardi u Elena Vasilievna Matei;

4. Il-minuri Christopher Patrick Matei ghandu jkollu d-drittijiet kollha spettanti lilu skond il-Ligi bhala cittadin Malti

u iben naturali tal-konvenut Adrian Azzopardi (cittadin Malti), u Elena Vasilievna Matei (cittadina Awstraljana), u dan ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt, inkluz il-kunjom li ghandu jintuza, u dak kollu li jappartjeni cittadin Malti ghal dawk li huma drittijiet u obbligi;

5. Il-konvenut Adrian Azzopardi bin-numru tal-karta ta' l-identita' 661261 (M) ghandu jkollu l-obbligi kollha spettanti lilu u ma' dawn id-drittijiet ukoll bhala l-missier naturali ta' Christopher Patrick Matei li twieled nhar is-sbatax ta' Marzu, tal-elf disa' mija erbgha u disghin (17.03.1194) fi Blacktown, New South Wales gewwa l-Awstralja, u dan skond id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-obbligi u drittijiet spettanti lill-ulied fir-rigward tal-missirijiet naturali taghhom, bhal ma hija r-relazzjoni bejn il-konvenut Adrian Azzopardi u l-minuri Christopher Patrick Matei;

6. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant tieghu biex jikkoperaw bis-setghat kollha moghtija lilhom skond il-ligi halli jirrilaxxaw certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Christopher Patrick Matei kif jigi rregistrat fi-Registru Pubbliku ta' Malta skond il-Ligijiet ta' Malta, immedjatament wara illi dawn il-proceduri jsiru *'res judicata'*, u dan sabiex l-imsemmi minuri ikolllu l-beneficcji kollha spettanti lilu bhala iben missier naturali skond il-Ligijiet ta' Malta;

7. L-attrici Elena Vasilievna Matei li hija cittadina Awstraljana jkollha u kellha l-jeddijiet kollha skond il-Ligi biex tintavola il-proceduri odjerni u taghmel kwalsiasi proceduri ncidentali jew ancillari, sussegwenzjali jew konsegwenzjali bhala omm Christopher Patrick Matei, biex proprju dawn il-paroceduri jkunu validi wkoll skond il-Ligijiet ta' Malta;

8. Il-konvenut Adrian Azzopardi bin-numru tal-karta ta' l-identita' 661261 (M) sabiex jaghmel tajjeb mhux biss ghall-manteniment tal-minuri Christopher Patrick Matei imma anke ghal kwalsiasi forma ta' spejjez li ommu l-attrici Elena Vasilievna Matei kienet kostretta illi taghmel mhux biss biex wellditu imma anke biex rabbietu, tul il-

perjodu kollu sakemm effettivament jigi rikonoxxut bhala formalment il-missier naturali tieghu l-imsemmi konvenut Adrian Azzopardi;

9. Ghandhom jinghataw kwalsiasi provvedimenti u direttivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fid-dawl tat-talba precedenti da parti tal-attrici f’din ic-citazzjoni odjerna;

10. Ghandhom jigu mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut Adrian Azzopardi fl-eventwalita’ li dan jibqa’ kontumaci biex dawn il-proceduri odjerni bl-ebda mod ma jigu stultifikati jew ostakolati fl-interess suprem tal-minuri CHRISTOPHER PATRICK MATEI, li f’din il-kawza qed jigi debitament rapprezentat minn ommu l-attrici Elena Vasilievna Matei;

11. Il-konvenut Adrian Azzopardi bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 661261 (M) ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkorsi mill-attrici Elena Vasilievna Matei mhux biss f’din ic-citazzjoni odjerna, imma fi kwalsiasi att direttament jew indirettament konness maghha u kwalsiasi procedura li kienet mehtiega illi ssir biex setghu dawn il-proceduri u proceduri ohra konnessi, ancillari, sussegwenzjali u konsegwenzjali.

12. Fid-dawl tat-talbiet atturi kif hawn fuq suesposti ghandhom ulterjorment u fejn applikabbli jkunu utilizzat l-**artikoli 56 sa l-artikolu 100 (a)** iz-zewg artikoli nkluzi, tal-**Kodici Civili, kapitolu 16, tal-Ligijiet ta’ Malta**;

13. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu mehtiega li jinghataw inkluz ordnijiet sussegwenzjali ghal dawn il-provvedimenti, fid-dawl tat-talbiet atturi kif hawn fuq suesposti, u dan fl-interess suprem ta’ Christopher Patrick Matei kif debitament rapprezentat f’din ic-citazzjoni mill-attrici ommu Elena Vasiliviena Matei, u dan biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir.

14. Fl-ebda cirkostanzi l-atturi m'ghandhom ibaghtu ebda forma ta' spejjez ghal dawn il-proceduri li gew kostretti li jaghmlu u jintavolaw.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz ta' kwalsiasi att jew hrug ta' Mandat li l-atturi dehrilhom li kien mehtieg illi jaghmlu, kontra l-konvenut Adrian Azzopardi u sekondarjament kontra l-konvenut l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant tieghu li f'kull kaz iz-zewg konvenuti jibqghu u jigu minn issa ngunti IN SUBIZZJONI.

B'rizerva ghall-atturi ghal kwalsiasi azzjoni ta' danni spettanti lilhom, ghal danni sofferti, li qed isofru u ghad jistghu jsofru, kagun tan-nuqqas ta' responsabbilta' da parti tal-konvenut jew min minnhom biex CHRISTOPHER PATRICK MATEI ikollu isem il-misser naturali tieghu debitament irregistrat fi-Registru Pubbliku ta' Malta u skond il-Ligijiet ta' Malta, bid-drittijiet kollha spettanti lilu bhala cittadin Maltin, iben il-missier naturali Adrian Azzopardi u ommu l-attrici ELENA VASILIEVNA MATEI.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 14 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 30 sa 34 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-2 ta' Mejju 2002 a fol. 119 tal-process fejn gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fi-citazzjoni;

2. Illi qabel xejn ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi bla pregudizzju t-twelid ta' Christopher Patrick Matei ghandu primarjament jigi debitament registrat fid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku altriment f'kaz li jigu milqugha t-talbiet attrici l-esponent ma jkunx f'pozizzjoni li

jwettaq l-annotazzjonijiet u l-korrezzjonijiet mehtiega kif jigu eventwalment ordnati minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti mertu tal-kawza odjerna m'humhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 120 tal-process.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 120 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 120 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Azzopardi a fol. 121 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu respinti *stante* li huma ghal kollox infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment in vista tas-semplici raguni li l-eccipjent ma hux il-missier naturali tat-tifel in kwistjoni;

2. Illi fit-tieni lok jigi eccepit *inoltre* li t-talbiet odjerni kif intavolati ma humiex proponibbli *oltre* li jistghu jaghtu lok ghan-nullita ta' l-istess azzjoni *stante* li l-parti primarjament nteressata u koncernata, cjoe' l-minuri Christopher Patrick Matei ma hux parti f'dina l-kawza;

3. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Adrian Azzopardi a fol. 121 u 122 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 122 tal-process;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tal-minuri Christopher Patrick Matei *tramite* kuraturi deputati li ghandhom jigu appuntati skond l-elenku u kif imisshom fit-turn sabiex jirrapprezentaw lill-istess minuri u l-interess tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella-Flores u l-PL Liliana Buhagiar tat-28 ta' Gunju 2002 a fol. 129 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati u l-lista tax-xhieda a fol. 130 tal-process.

Rat il-verbali tat-23 ta' Mejju 2002; tat-12 ta' Novembru 2002 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli biex wara t-terminu tal-affidavits tal-partijiet tiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet, kollox fil-mori ta' dan id-differiment u wara dan l-Assistenta Gudizzjarja ghandha tirritorna l-process lill-Qorti ghall-finali trattazzjoni; tas-6 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat ir-rikors ta' l-attrici pprezentat fil-11 ta' Novembru 2002 fejn talbet illi a bazi u fid-dawl tal-artikolu 100A tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tistieden lill-partijiet interessati fil-mertu ta' din il-kawza odjerna biex jissottomettu ghall-ezamijiet kif imsemmija fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan fl-inkwadratura ta' kif inhu miktub l-**artikolu 100A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta** u taghti kwalsiasi provvediment opportun li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi a bazi ta' din it-talba tal-esponenti kif hawn fuq suesposta.

Ra r-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 167 tal-process ipprezentata fit-2 ta' Dicembru 2002 fejn huwa ma jsib l-ebda oggezzjoni li jsiru l-ezamijiet fuq il-persuni

nteressati ghall-prova genetika in konformi ma' l-**artikoli 100A u 70(3) tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat in-Nota tal-konvenut Adrian Azzopardi a fol. 168 tal-process ipprezentata fit-22 ta' Novembru 2002 u li permezz taghha huwa ddikjara illi f'dan l-istadju huwa qed jaghzel li ma jissottomettix ruhu ghall-ezami mediku ndikat.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati a fol. 169 tal-process ipprezentata fit-3 ta' Dicembru 2002 fejn qalu illi t-talba attrici ghall-prova genetika tidher f'waqtha u jisthoqqilha li tkun milqugha.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti, in vista ta' l-oppozizzjoni tal-konvenut Adrian Azzopardi cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Renzo Porsella-Flores et a fol. 185 tal-process ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2003 fejn talbu lil Qorti sabiex tordna lill-attrici sabiex taghmel depozitu ragonevoli tad-dritt eventwali tal-esponenti.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar 2003 fejn cahdet it-talba tal-kuraturi deputati.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, l-attrici tghid illi hija ghandha cittadinanza Awstraljana. Hija tghid ukoll illi fis-26 ta' Ottubru 1997 hija zzewget, gewwa Malta, lil Luigi

Santonocito. Tghid ukoll illi fis-27 ta' Settembru 1996 hija kellha tifel li semmietu Salvatore min dan Santonocito.

Illi l-attrici tghid illi fis-17 ta' Marzu 1994 gewwa Blacktown, fi New South Wales gewwa l-Awstralja twieled Christopher Patrick Matei. Dan it-tifel, l-attrici tghid, illi tnissel min relazzjoni li hija kellha mal-konvenut Adrian Azzopardi, waqt li l-attrici kienet tghix u tahdem hawn Malta. L-attrici tghid illi hija telqet minn Malta  peress illi malli sar jaf il-konvenut Azzopardi illi hija kienet tqila, huwa beda jevita u r-relazzjoni tieghu maghha tbiddlet. Di fatti tghid illi *"Adrian urini bic-car wara li sar jaf li jiena tqila minnu li hu ma kienx dispost li jiehu r-responsabbilta' tat-tarbija tieghu, jiena pjanajt biex insiefer minn Malta ghall-Awstralja*".

Illi l-attrici tghid ukoll illi Christopher Patrick Matei huwa cittadin Awstraljan bhala.

Illi meta l-attrici qalet lil konvenut Azzopardi li hija kienet harget tqila minnu, hija tghid illi *"Adrian ma staghgibx li kont hriegt tqila, imma rreagixxa billi qisu talabni x'kien bi hsiebni naghmel, u jekk jiena kontx lesta li nehles mit-tarbija, ossia li nabortixxi, li naghmel abort*".

Illi ftit taz-zmien wara li l-attrici welldet gewwa l-Awstralja, hija rritornat, flimkien mat-tarbija taghha lura Malta. Hija tghid illi *"Adrian wara li kkuntattjajtu darba, darbtejn, tlieta, fl-ahhar gie biex taparsi jara lit-tarbija u kellu l-wicc li johrog ghoxrin lira (Lm20), iva ghoxrin lira (Lm20) u joffrihieli ghall-ispejjez, ghoxrin lira (Lm20) ghall-ispejjez tat-twelid ta' ibnu Christopher Patrick Matei"* u *"wara li Adrian tani dawn l-ghoxrin lira (Lm20) kellu l-wicc jghidli biex ma nghid lil hadd li kien tahomlu hu dawk l-ghoxrin lira (Lm20)"*.

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Ljubica Violet Sammut**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 134 *et sequitur* tal-process. Hija tghid illi *"I came to know Elena Matei through friends about nineteen (19) years ago"* u *"I know Adrian Azzopardi, the defendant in this law suit.  I came to know him through Elena Matei as she was seeing him"*.

Din ix-xhud tghid illi l-kontendenti ltaqghu meta kien hemm il-ftuh tat-Tigulio Discotheque gewwa San Giljan. Wara ftit taz-zmien bdew johorgu flimkien. Fil-bidu kienu johorgu okkazjonalment, izda mbaghad aktar ma ghadda zmien, l-attrici u l-konvenut Azzopardi bdew jiltaqghu ta' spiss, kwazi kuljum. L-attrici kienet qalet lil din ix-xhud illi hija kienet qeghda torqod mal-konvenut Azzopardi u meta kien qed ikollhom relazzjonijiet intimi, huma ma kienux qeghdin jiehdu l-ebda tip ta' prekawzjoni. L-attrici di fatti kienet qalet lil din ix-xhud illi hija kienet qed tibza' li tohrog tqila minhabba li ma kienux qeghdin jiehdu prekawzjonijiet u fil-fatt hekk gara. Ix-xhud tghid illi *"One day she called me and she told me that she was pregnant. At that time Adrian was in Germany and when she asked me how is she going to tell him, I suggested that I will be present with her and she agreed"*.

Illi din ix-xhud tghid illi hija certa illi dak iz-zmien meta l-attrici harget tqila, l-istess attrici kienet qeghda tohrog biss mal-konvenut Azzopardi. Tghid di fatti illi *"I know that Mr. Adrian Azzopardi is the father because I know that at the time she became pregnant she was seeing Adrian Azzopardi only and I know that they were sleeping together. I know that they were sleeping together in the hotel room. She was living at the hotel during that time and she used to work at he restaurant till 10:00 pm/11:00 pm. I know that he used to come for her after work and sometimes even before she finished and he used to wait for her to finish. I was present on many occasions"*.

Illi tghid din ix-xhud illi l-attrici, meta harget tqila, damet hawn Malta ghal madwar hames xhur. L-attrici kienet cemplet lil ommha u qaltilha sabiex thallsilha l-passagg ta' l-ajru. Il-konvenut Azzopardi ma ghamel xejn biex jghin lill-attrici. Tghid illi *"Adrian did not want to help her at all. He was avoiding her, and seeing her less and less often"*.

Illi meta l-konvenut Azzopardi rritorna lura Malta, l-attrici qaltlu li kienet tqila bit-tarbija tieghu u r-reazzjoni tieghu kienet, fi kliem din ix-xhud *"He did not like the reaction when she told him. He made faces and he wanted her to abort, which I said that I did not agree with him. I know*

*that it wasn't my business to interfere, but I said it just the same, because as I said Elena is like a sister to me. I did not agree that she should abort. And that is how it stayed"*.

Illi r-raguni l-ghala l-attrici marret lura tghix gewwa l-Awstralja kienet illi hi ma setghetx tlahhaq finanzjarjament ma' l-ispejjez li kien ser jibda jkollha meta titwieled it-tarbija. Il-konvenut ma kienx qed jaghti kazha u ma offriex li jiehu hsieb it-tarbija u lill-attrici. Tghid ukoll illi meta twieldet it-tarbija, l-attrici cemplitilha mill-Isptar u qaltilha li kellha tifel.

Illi xi zmien wara li twieled Christopher, il-kjamat in kawza, u li huwa iben l-attrici, l-istess attrici u binha rritornaw hawn Malta. L-attrici u binha marru joqoghdu fid-dar ta' din ix-xhud. Xi zmien wara, mar izurhom il-konvenut Adrian Azzopardi, fejn qal, *"I see some resemblance in my brothers children. This was the first time when he came"* u *"The second time he came he did make a bit of an effort and grabbed his cheek and said – I can see he looks like me, but nothing more than that!"*

Illi darb' ohra, meta l-minuri Christopher kien ma jiflahx, ix-xhud kienet qalet lill-attrici sabiex tinforma b'dan lil konvenut Azzopardi u sabiex igib xi flus mieghu ghat-tabib u ghall-medicini. Di fatti *"He came and he did give some money to Elena, and he told Elena not to mention this to anyone, that is that he gave her money. He gave her twenty Malta Liri (Lm20). I was present on that occasion and I saw the money. He did not say a lot, and he just left. Me and Elena were upset because he had reacted like that"*.

Illi l-ahhar darba li x-xhud kienet iltaqghet mal-konvenut Azzopardi kien madwar sitt xhur qabel ma gie pprezentat l-affidavit taghha. Meta kienu ltaqghu f'din l-okkazjoni hija kienet qaltlu illi *"Christopher looks exactly like you. He told me – do you think so, and I said yes. He said that if he looks like me than he might be my son. That's what he told me. Than I told him that he should be ashamed of*

*himself. I have a child and I care for this child. How can someone ignore his own child?"*

Illi xehed ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **John Victor Portanier**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 176 *et sequitur* tal-process. Huwa jghid illi sar jaf lil attrici *"meta kienet giet ghandi l-hotel u hemmhekk sirna hbieb. Il-hotel jisimha Conway Hotel gewwa Frost Street, San Giljan"*.

Illi dan ix-xhud jghid illi huwa sar jaf lill-konvenut Azzopardi *"peress li kien hemm zmien meta kien ikun maghha u Elena gieli tkellmet fuqu mieghi. Jiena kont gieli anke tajtha xi pariri peress li konna hbieb. Niftakar li mill-ewwel kont ghidtilha li ma kellhiex xi tridu. Hi kienet saret hbieb tieghu u bil-Malti kienet tilfet rasha warajh. Hu kien dam xi ftit maghha u kien anke jigi maghha ghandi fil-hotel. Kienu damu xi sena flimkien"*.

Illi jghid ukoll dan ix-xhud illi *"Adrian kien jigi fil-hotel u jmur fil-kamra taghha. X'kienu jaghmlu bejniehtom ma nistax nghid ghax ma kontx inkun maghhom, pero' mill-imgieba taghhom wiehed seta' facilment jinduna li kienet relazzjoni ntima. Naf li Elena kienet saret thobb lil dan Adrian"*.

Illi wara xi zmien li kienu ilhom johorgu flimkien l-attrici u l-konvenut Azzopardi, l-istess attrici kienet *"qaltli li kienet harget tqila minn dan Adrian Azzopardi. Peress li kif ghidt hi kienet qed tohrog ma' Adrian biss u kienet relazzjoni bis-serjeta' da parti taghha, jiena qatt m'ghaddieli minn rasi li hi ma kenitx harget tqila minn dan Adrian Azzopardi. Hu biss kien jigi hdejha fil-hotel"*. Jghid ukoll illi l-attrici kienet qaltlu illi l-konvenut Azzopardi kien cahad li t-tarbija kienet tieghu, izda minkejja dan il-fatt u minkejja li "*kienu speci ggieldu wara li sar jaf li hi kienet tqila, pero' hu xorta wahda baqa' jigi l-hotel ghalkemm mhux regolarment kif kien qabel"*.

Illi x-xhud Portanier jghid illi *"Meta kienet fil-hotel ghandi qatt ma dahlet irgiel hlief dan Adrian Azzopardi. Zgur li ma keneitx tigri ma' xi rgiel"*.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha Christopher Patrick Matei huwa l-wild naturali tal-konvenut Adrian Azzopardi. Ghamlet ukoll diversi talbiet li sejrin jigu konsidrati wara li jigi deciz jekk fil-fatt l-konvenut Adrian Azzopardi huwiex il-missier biologiku tal-minuri Christopher Patrick Matei.

Illi mill-provi prodotti – li ma humiex kontradetti bl-ebda mod mill-konvenut Adrian Azzopardi – ghandu jirrizulta bl-aktar mod car illi l-minuri Christopher Patrick Matei huwa iben Adrian Azzopardi.

Illi l-attrici kienet talbet sabiex isiru testijiet tad-DNA. Il-konvenut Azzopardi ddeklina li jaghmel dan it-test. L-**artikolu 100A tal-Kodici Civili** jghid testwalment illi *"F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza l-artikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', bla pregudizzju ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skond il-ligi, tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70(3), u bl-istess mod u fl-istess cirkostanzi tkun tista', f'kaz ta' rifjut, tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet kif imsemmija fl-istess sub-artikolu"*.

Illi issa s-sub-artikolu (3) ta' l-**artikolu 70 tal-Kodici Civili** jghid illi *"Il-Qorti tista' f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-Qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet"*.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Irene Sultana vs Raymond Fenech"** deciza fil-31 ta' Mejju, 1996 kienet qalet illi: *"Il-Qorti ma tistax ma tenfasizzax illi f'kaz ta' din ix-xorta aktar mill-interessi tal-kontendenti, u*

*cjoe' ta' l-omm u tal-konvenut hi trid tittutela l-interessi tal-minuri illi ghandu kull dritt li tigi mill-Qorti stabbilita b'mod definit l-paternita' tieghu bil-mezzi kollha, anke xjentifici, a dispozizzjoni ta' l-istess Qorti. Tant hu hekk li l-istess subinciz 3 jipprovdi illi: "Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu ikun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess* <u>*ghandha*</u> *tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet"*.

Illi l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-izvilupp li sar fix-xjenza u fil-kamp genetiku – dan il-fatt gie llum rikonoxxut mill-ligi skond id-dispozizzjonijiet tas-**subartikolu (3) ta' l-artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** – u allura hija ghandha taghti piz ghar-rifjut ta' l-ezamijiet necessarji sabiex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri u dan peress li huwa fatt maghruf li l-istess testijiet genetici llum huma precizi, specjalment fejn tigi eskluza l-paternita' koncernata u li dwarha jkun hemm kontestazzjoni fil-kawza. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta f'dan ir-rigward u cioe **"Corinne James pro et noe vs Lucian Borg"** – 1 ta' Ottubru 2002; **"Rose Clasby pro et noe vs Dr. Tonio Azzopardi noe et"** – 31 ta' Ottubru 2002 u **"Joseph Gauci vs Antoinette Gauci"** – 4 ta' Gunju 2002).

Illi jirrizulta a fol. 113 u a fol. 118 tal-process illi r-rekwiziti tal-**artikolu 254 tal-Kodici Civili** w allura t-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku qeghda tigi michuda.

Illi t-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku hija fis-sens illi *"it-twelid ta' Christopher Patrick Matei ghandu primarjament jigi debitament registrat fid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku altriment f'kaz li jigu milqugha t-talbiet attrici l-esponent ma jkunx f'pozizzjoni li jwettaq l-annotazzjonijiet u l-korrezzjonijiet mehtiega kif jigu eventwalment ordnati minn din l-Onorabbli Qorti"*. Illi ghalkemm mad-daqqa t'ghajn din l-eccezzjoni tista' tidher b'xi mod ixxekkel l-azzjoni ntentata mill-attrici, din il-Qorti tifhem illi meta hija ser taghti l-ordni hawn taht infraskritta, tali ordni ghandha tigi esegwita hekk u meta l-attrici, jew kull minn ghandu nteress, jirregistra t-twelid tal-minuri Christopher Patrick Matei fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Illi ghalhekk ghalkemm din il-Qorti taqbel li dan it-twelid irid jigi registrat mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, ma taqbilx li dan ghandu jigi registrat bilfors, u dan peress li kif diga' inghad, jekk ma jigiex registrat allura l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ma jkunx obbligat li jaghmel l-annotazzjonijiet rikjesti mill-attrici. Huwa biss meta l-attrici tirregistra lil-minuri, skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi, illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku huwa obbligat li jaghmel tali annotazzjonijiet.

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Adrian Azzopardi, din illum tinsab sorvolata *stante* d-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2002 fejn ordnat il-kjamat in kawza tal-minuri Christopher Patrick Matei kif debitament rapprezentat mill-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.

Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjonijiet l-ohra fil-meritu, kif inghad diga', dawn qed jigu respinti *stante* li mill-provi prodotti, u li ma humiex kontestati, ghandu jirrizulta illi l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut Adrian Azzopardi, mill-liema relazzjonijiet intimi twieled l-minuri Christopher Patrick Matei.

Illi l-attrici titlob ukoll fit-tmien talba taghha sabiex l-konvenut Adrian Azzopardi *"jaghmel tajjeb mhux biss ghal-manteniment tal-minuri Christopher Patrick Matei imma anke ghal kwalsiasi forma ta' spejjez li ommu l-attrici Elena Vasilievna Matei kienet kostretta illi taghmel mhux biss biex wellditu imma anke biex rabbietu, tul il-perjodu kollu sakemm effettivament jigi rikonoxxut bhala formalment il-missier naturali tieghu l-imsemmi konvenut Adrian Azzopardi"*. Illi bir-rispett kollu jinghad li ma ngiebet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut u dwar kemm intefqu spejjez mill-attrici fit-trobbija tal-minuri Christopher Patrick.

Illi ghar-rigward tar-raba talba tal-attrici u cjoe' li *"Il-minuri Christopher Patrick Matei ghandu jkollu d-drittijiet kollha spettanti lilu skond il-Ligi bhala cittadin Malti u iben naturali tal-konvenut Adrian Azzopardi (cittadin Malti), u Elena Vasilievna Matei (cittadina Awstraljana), u dan ghal*

*kull buon fini fil-fatt u fid-dritt, inkluz il-kunjom li ghandu jintuza, u dak kollu li jappartjeni cittadin Malti ghal dawk li huma drittijiet u obbligi"* jinghad illi **s-sub-artikolu (1) tal-artikolu 92 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi *"Tifel illegittimu, jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier, jiehu l-kunjom tal-missier, li mieghu jista jzid il-kunjom ta' l-omm, diversament jiehu l-kunjom ta' l-omm"* u **s-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu 92 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi *"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni ta' paternita b'sentenza tal-qorti ghandu jkollha l-istess effett bhal tgharif"*. Illi ghalhekk il-minuri ghandu jibda jgib kunjom il-konvenut Adrian Azzopardi, u wara dan il-kunjom ghandu jkun hemm kunjom xbubit l-attrici u cjoe' Matei. Illi ghalhekk kunjom il-minuri Christopher Patrick ghandu jibda jkun mid-data ta' din is-sentenza Azzopardi Matei.

Illi ghar-rigward tal-hames talba, il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghall-**artikolu 93 tal-kapitolu** 16 tal-Ligijiet ta' Malta – liema artikolu jiddeskrivi d-dmirijiet tal-missier lejn it-tifel illegittimu – tirrileva illi kif diga' nghad ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut Adrian Azzopardi u allura ma tistax tilqa' din it-talba. Pero' sabiex id-drittijiet tal-minuri ma jigux mittiefsa, u dan biss fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess talba.

Is-sitt talba u cjoe' li *"l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant tieghu biex jikkoperaw bis-setghat kollha moghtija lilhom skond il-ligi halli jirrilaxxaw certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Christopher Patrick Matei kif jigi rregistrat fi-Registru Pubbliku ta' Malta skond il-Ligijiet ta' Malta, immedjatament wara illi dawn il-proceduri jsiru 'res judicata', u dan sabiex l-imsemmi minuri ikolllu l-beneficcji kollha spettanti lilu bhala iben missier naturali skond il-Ligijiet ta' Malta"* din ghandha tintlaqa' biss kif hawn ser jigi deciz fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Illi anke s-seba' talba hija superfluwa u din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha *stante* li fil-mori tal-kawza gew appuntati kuraturi deputati ghall-minuri Christopher Patrick Azzopardi Matei.

Illi ghar-rigward tat-tmien talba, bhalma diga’ nghad fir-rigward tal-hames talba ma hemmx provi dwar l-introjtu tal-konvenut Adrian Azzopardi w allura sabiex id-drittijiet tal-minuri ma jigux mittiefsa, u dan biss fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess talba. Lanqas ma hemm xi prova dwar l-ispejjez li l-attrici nefqet kemm biex welldet lil minuri kif ukoll biex rabbiet lil istess minuri.

Illi dwar id-disa’ talba tal-attrici u cjoe’ li *“ghandhom jinghataw kwalsiasi provvedimenti u direttivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fid-dawl tat-talba precedenti da parti tal-attrici f’din ic-citazzjoni odjerna”* dawn inghataw f’din l-istess sentenza w allura ma hemmx ghalfejn din il-Qorti tiddilunga ulterjorment dwarha.

Illi din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba attrici *stante* li rrizulta illi l-konvenut Adrian Azzopardi kien prezenti waqt dawn il-proceduri f’Malta u allura ma kienx mehtieg li jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentawh.

Illi l-attrici fil-hdax-il talba taghha titlob illi *“il-konvenut Adrian Azzopardi bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 661261 (M) ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji, inkorsi mill-attrici Elena Vasilievna Matei mhux biss f’din ic-citazzjoni odjerna, imma fi kwalsiasi att direttament jew indirettament konness maghha u kwalsiasi procedura li kienet mehtiega illi ssir biex setghu dawn il-proceduri u proceduri ohra konnessi, ancillari, sussegwenzjali u konsegwenzjali”*. Dwar din it-talba, il-Qorti tghid illi ma gewx prodotti xi provi dwar spejjez inkorsi mill-attrici in konnessjoni ma’ din il-kawza hlief ghall-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jirrizultaw meta r-Registratur tal-Qorti johrog it-taxxa relattiva u allura hemm provvediment dwar l-istess aktar ’il quddiem f’din id-decizjoni. Illi f’dan ir-rigward jinghad illi ghal kull spiza mhux relattata mal-ispejjez gudizzjarji, *stante* n-nuqqas ta’ provi, din il-Qorti jkollha tichad *in parte* din it-talba.

Illi fir-rigward tat-tnax u t-tlettax-il talba, daw huma superfluwi u l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi ghar-rigward tal-erbatax-il talba, din il-Qorti ser taghti d-decizjoni taghha dwar l-ispejjez fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Azzopardi, dawk tal-kuraturi deputati u l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku nkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq deciz u premess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tal-ghaxar (10), tat-tnax (12) u (13) t-tlettax-il talba attrici** u **tichad id-disa' (9), il-hdax (11) u *in parte* (14) l-erbatax-il talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri Christopher Patrick huwa iben l-konvenut Adrian Azzopardi;

2. Tordna illi meta jigi registrat l-minuri Christopher Patrick fir-Registru Pubbliku ta' Malta fl-att tat-twelid tieghu, apparti d-dettalji tal-attrici ghandu jkun hemm l-annotazzjonijiet kollha relattivi ghall-konvenut Adrian Azzopardi fis-sens illi fil-linja *"Taghrif dwar missier it-tarbija"*, taht il-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom"*, jigu nseriti isem u kunjom il-missier tal-minuri Christopher Patrick u cjoe' *"Adrian Azzopardi"*, u dan *oltre* korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat, izda biss wara li tali minuri jigi registrat mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-

Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez tal-konvenut Adrian Azzopardi u tal-attrici. Ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi l-kunjom tal-minuri Christopher Patrick ghandu mid-data ta' din is-sentenza il-quddiem jibda jkun Azzopardi Matei.

3. Tilqa' t-tielet talba b'dan illi ma ghandu jkun hemm l-ebda xkiel sabiex l-minuri Christopher Patrick jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba u b'hekk il-minuri Christopher Patrick, kif diga' nghad ghandu jibda jgib kunjom missieru Azzopardi u wara tali kunjom ghandu jkun hemm mizjud ukoll kunjom xbubit l-attrici u cjoe' Matei. Illi ghalhekk kunjom il-minuri Christopher Patrick ghandu jibda jkun mid-data ta' din is-sentenza Azzopardi Matei.

5. Illi ghar-rigward tal-hames talba, il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghall-**artikolu 93 tal-Kapitolu** 16 tal-Ligijiet ta' Malta – liema artikolu jiddeskrivi d-dmirijiet tal-missier lejn it-tifel illegittimu – tirrileva illi kif diga' nghad ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut Adrian Azzopardi u allura ma tistax tilqa' din it-talba. Pero' sabiex id-drittijiet tal-minuri ma jigux mittiefsa, u dan biss fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess talba, ghalkemm id-dritt ta' manteniment tal-minuri kontra l-konvenut Adrian Azzopardi huwa bhala dritt affermat b'konsegwenza ta' din is-sentenza.

6. Tilqa' s-sitt talba b'dan illi tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex *ai termini* tal-Ligi johrog ic-certifikat tal-minuri konformi ma' din is-sentenza u skond il-Ligi.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha *stante* li fil-mori tal-kawza gew appuntati kuraturi deputati ghall-minuri Christopher Patrick Azzopardi Matei.

8. Illi ghar-rigward tat-tmien talba, bhal ma diga' nghad fir-rigward tal-hames talba ma hemmx provi dwar l-introjtu tal-konvenut Adrian Azzopardi w allura sabiex id-drittijiet

tal-minuri ma jigux mittiefsa, u dan biss fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess talba, b’dan li tikkonferma d-dritt ta’ manteniment tal-istess minuri *verso* l-konvenut Adrian Azzopardi.

9. Tichad id-disa’ talba *stante* li hija superfluwa.

10. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba attrici *stante* li rrizulta illi l-konvenut Adrian Azzopardi kien prezenti waqt dawn il-proceduri f’Malta w allura ma kienx mehtieg li jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirraprezentawh.

11. Tichad il-hdax-il talba salv ghall-ispejjez gudizzjarji dak provdut aktar ’l isfel dwar l-istess. Illi dwar spejjez extra gudizzjarji tichad it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

12. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tnax-il talba *stante* li dawn hija superfluwa.

13. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tlettax-il talba.

14. Tichad *in parte* din it-talba *stante* li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha bin-nofs mill-attrici u mill-konvenut Adrian Azzopardi, b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------